# STATUT

---

## Partit Nazzjonalista
**Frar - Marzu 2005**

**PARTIT NAZZJONALISTA**

# WERREJ

I KOSTITUZZJONI U SKOP TAL-PARTIT ........ 5
II IMSEĦBIN FIL-PARTIT ........ 6
III ORGANIZZAZZJONI TAL-PARTIT ........ 7
IV IL-KUNSILL ĠENERALI TAL-PARTIT ........ 10
V IL-KUMITAT EŻEKUTTIV ........ 12
VI KUNSILL AMMINISTRATTIV ........ 14
VII KUMITATI SEZZJONALI ........ 17
VIII FORA DISTRETTWALI ........ 20
IX ORGANIZZAZZJONI F'GĦAWDEX ........ 21
X KULLEĠĠ TA' KUNSILLIERA LOKALI ........ 22
XI FERGĦAT ........ 23
XII ELEZZJONI TAL-KAP U TAL-VIĊI KAP TAL-PARTIT ........ 24
XIII IL-GRUPP PARLAMENTARI ........ 25
XIV MEMBRI TAL-PARLAMENT EWROPEW TAL-PARTIT ........ 26

## I KOSTITUZZJONI U SKOP TAL-PARTIT

1. Il-Partit Nazzjonalista huwa mwaqqaf f'Malta u Għawdex.

2. L-iskop tal-Partit Nazzjonalista huwa l-iżvilupp demokratiku tan-nazzjon, mibni fuq il-libertà u l-ġustizzja soċjali fid-dawl tat-tradizzjoni Maltija, Nisranija u Ewropea;

- sabiex tissawwar soċjetà bl-istess opportunitajiet għal kulħadd;
- fejn kull min jagħti sehmu fil-ħidma ekonomika jissieħeb fil-pjanifikazzjoni u tmexxija tagħha, kif ukoll fil-qligħ u l-benefiċċji li ġġib magħha;
- fejn jitkattru l-opportunitajiet għax-xogħol kif ukoll il-faċilitajiet għal ħajja kulturali;
- sabiex jagħmel kemm jista' biex iseħħu l-paċi u l-ġustizzja fid-dinja u l-aktar fil-Mediterran fejn iltaqgħu u tħalltu ċiviltajiet differenti.

## II IMSEĦBIN FIL-PARTIT

3. Jistgħu jkunu mseħbin fil-Partit Nazzjonalista dawk kollha li:
   a. jaċċettaw l-Istatut u d-dixxiplina tal-Partit;
   b. ikunu ċittadini Maltin;
   c. ikollhom ir-residenza tagħhom f'Malta;
   d. ikunu għalqu s-sittax-il sena; u
   e. ikunu approvati mill-Kumitat Eżekuttiv.

   Għall-finijiet tal-kundizzjoni (e) ta' dan l-artiklu l-Kumitat Eżekuttiv jista' jiddelega l-poter tiegħu lil xi uffiċjal tal-Partit.

4. Jistgħu jkunu membri assoċjati fil-Partit Nazzjonalista dawk kollha li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet (b) u/jew (ċ) ta' artiklu 3. Min ikun membru assoċjat ikollu l-jedd li jattendi u jieħu sehem fl-attivitajiet kollha organizzati mill-Partit Nazzjonalista.

5. Il-proċedura sabiex persuna tissieħeb fil-Partit Nazzjonalista kif ukoll il-ħlas ta' skrizzjoni kull sena li jkunu jridu jsiru mill-imseħbin u mill-imsieħba assoċjati, għandhom isiru permezz ta' regolamenti approvati mill-Kumitat Eżekuttiv. Il-Kumitat Eżekuttiv ikollu l-jedd li jagħmel skemi differenti ta' skrizzjoni u ħlasijiet oħra u msieħba jew imsieħba assoċjati li jagħmlu dawn il-ħlasijiet għandhom dritt li jirċievu t-tessera. Jitqiesu bħala msieħba jew imsieħba assoċjati dawk kollha li jkollhom it-tessera tagħhom imġedda.

6. Ma jkunux iżjed ikkunsidrati mseħbin fil-Partit Nazzjonalista dawk kollha li:
   a. jirriżenjaw mill-Partit Nazzjonalista;
   b. jinkitbu fi kwalunkwe partit politiku ieħor jew fi kwalunkwe moviment li jkun dikjarat mill-Kumitat Eżekuttiv kuntrarju għall-prinċipji u għall-interessi tal-Partit Nazzjonalista; u/jew
   c. jaġixxu b'mod li l-Kumitat Eżekuttiv iqis bħala li jippreġudika l-aħjar interessi tal-Partit Nazzjonalista.

7. Hu biss il-Kumitat Eżekuttiv li għandu l-jedd li jkeċċi msieħba jew imsieħba assoċjati tal-Partit jew jiddeċiedi li m'għandhiex tiġi mġedda t-tessera tagħhom iżda l-Kumitat Eżekuttiv jista' jiddelega dan il-poter lill-Kunsill Amministrattiv tal-Partit jekk jidhirlu xieraq.

   Qabel ma jiġi hekk deċiż, l-imsieħba jew imsieħba assoċjati għandhom id-dritt li jiġu infurmati bil-miktub bid-data tas-seduta meta tkun se tiġi diskussa t-tkeċċija tagħhom u li jippreżentaw ruħhom biex jagħtu l-ispjegazzjonijiet u d-difiża li jidhrilhom xierqa. B'dan iżda, m'għandhomx dritt ikunu preżenti fid-diskussjoni fuq il-mertu tat-tkeċċija tagħhom.

8. Huma dawk biss li jkunu msieħba fil-Partit li jistgħu jokkupaw karigi uffiċjali, ikunu membri ta' xi organizzazzjoni tal-Partit, u jkunu kandidati tal-Partit fl-elezzjonijiet ġenerali, elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew u elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali. Min ma jibqax imsieħeb fil-Partit jispiċċa awtomatikament minn kull kariga li jkollu fil-Partit.

## III ORGANIZZAZZJONI TAL-PARTIT

9 a. L-organizzazzjoni tal-Partit Nazzjonalista għandha tkun kif ġej:
   i. il-Kunsill Ġenerali;
   ii. il-Kumitat Eżekuttiv;
   iii. il-Kunsill Amministrattiv;
   iv. il-Grupp Parlamentari;
   v. il-Fora Distrettwali;
   vi. il-Kumitati Sezzjonali; u
   vii. il-Kulleġġ Kunsilliera Lokali.

b. Fi ħdan il-Partit Nazzjonalista għandu jkun hemm il-fergħat li ġejjin:
   i. il-Moviment Żgħażagħ tal-Partit Nazzjonalista (MŻPN),
   ii. il-Moviment Nisa tal-Partit Nazzjonalista (MNPN);
   iii. is-Solidarjetà Ħaddiema Partit Nazzjonalista (SĦPN);
   iv. l-Assoċjazzjoni Pensjonanti Anzjani Nazzjonalisti (APAN); u
   v. is-Segretarjat għall-Imprendituri Żgħar u Medji Partit Nazzjonalista (SIŻM).

Il-Kumitat Eżekuttiv ikollu l-jedd li jwaqqaf organizzazzjonijiet oħra skond ma jidhirlu xieraq.

10. L-Uffiċjali tal-Partit Nazzjonalista għandhom ikunu s-segwenti:
   a. il-Kap tal-Partit;
   b. il-Viċi Kap tal-Partit;
   c. is-Segretarju Ġenerali;
   d. il-President tal-Kunsill Ġenerali;
   e. il-President tal-Kumitat Eżekuttiv;
   f. il-President tal-Kunsill Amministrattiv;
   g. it-Teżorier;
   h. is-Segretarju Internazzjonali;
   i. is-Segretarju tal-Grupp Parlamentari;
   j. l-Assistent Segretarju Ġenerali; u
   k. il-President tal-Kulleġġ tal-Kunsilliera Lokali.

Ir-rappreżentanza ġudizzjarja u legali tal-Partit hi fdata lill-Kap tal-Partit jew lis-Segretarju Ġenerali jew lill-President tal-Kumitat Eżekuttiv tal-Partit. L-Uffiċjali msemmija għandhom ukoll individwalment il-jedd li bl-awtorizzazzjoni tal-Kunsill Amministrattiv jissellfu u jagħtu garanziji għan-nom tal-Partit u għal dan il-għan ikunu jistgħu jipotekaw il-beni ta' l-istess Partit jew b'kull mod ieħor, jagħtu garanziji, mobiljari jew immobiljari li jkun jeħtieġ.

11. L-Uffiċjali kollha tal-Partit Nazzjonalista indikati fl-artiklu 10 ħlief għall-Kap, il-Viċi-Kap, il-President tal-Kunsill Ġenerali, is-Segretarju tal-Grupp Parlamentari, u l-President tal-Kulleġġ tal-Kunsilliera Lokali, jiġu eletti mill-Kumitat Eżekuttiv skond regoli approvati mill-istess Kumitat, b'dan iżda li:
   a. ħlief għat-Teżorier u/jew l-Assistent Segretarju Ġenerali, kull min jikkontesta għandu jkun membru tal-Kumitat Eżekuttiv;

b. kemm-il darba t-Teżorier u/jew l-Assistent Segretarju Ġenerali jiġu magħżula minn barra l-Kumitat Eżekuttiv, mal-ħatra tagħhom isiru membri bla vot tal-Kumitat Eżekuttiv;
c. it-Teżorier u l-Assistent Segretarju Ġenerali mal-ħatra tagħhom għandhom ikunu impjegati permanenti tal-Partit u bl-aċċettazzjoni tal-kariga, il-Partit Nazzjonalista jintrabat li jżommhom impjegati għal perijodu bil-kundizzjonijiet li jiġu miftiehma magħhom mill-Kunsill Amministrattiv;
d. ħlief għall-Kap u l-Viċi Kap, l-Uffiċjali kollha jibqgħu jokkupaw il-karigi tagħhom għal sentejn;
e. Ministri, Segretarji Parlamentari u Membri tal-Parlament Ewropew tal-Partit ma jistgħu jokkupaw l-ebda kariga uffiċjali fil-Partit, ħlief dik ta' Kap jew Viċi Kap, u jiddekadu mill-kariga malli jiġu hekk appuntati iżda jibqgħu jiffunzjonaw sakemm jiġu eletti sostituti. Ħlief jekk il-Kumitat Eżekuttiv jiddeċiedi mod ieħor, l-elezzjoni għal sostitut għandha ssir fi żmiem tliet xhur minn meta l-Uffiċjal ikun iddekada;
f. ebda persuna ma tista' tokkupa aktar minn kariga waħda;
g. Presidenti tal-fergħat imsemmija f'artiklu 9(b), ma jistgħux jokkupaw karigi oħra fil-Partit u ma jistgħux ikunu President ta' aktar minn fergħa waħda.

12. Is-Segretarju Ġenerali jkun responsabbli għall-attività politika u organizzattiva tal-Partit u bl-għajnuna ta' l-uffiċjali l-oħra għandu jiżgura li jinħolqu dawk l-istrutturi neċessarji sabiex tinfirex il-politika tal-Partit u tissaħħaħ l-effiċjenza ta' l-organizzazzjoni tiegħu.

13. Il-President tal-Kunsill Ġenerali jkollu dmir li:
a. jippresiedi l-Kunsill Ġenerali;
b. jara li jsir rapport lill-Kumitat Eżekuttiv dwar dak li jkun ġie approvat mill-Kunsill Ġenerali u dwar ħwejjeġ oħra diskussi; u
c. jippreżenta rapport lill-Kumitat Eżekuttiv dwar id-diskussjoni li tkun saret fil-laqgħat distrettwali wara li jiġbor ir-rapporti ta' dawn il-laqgħat.

14. Il-President tal-Kumitat Eżekuttiv għandu:
a. jippresiedi l-laqgħat tal-Kumitat Eżekuttiv;
b. jikkoordina l-ħidma tal-fergħat tal-Partit bi dritt li jattendi hu u/jew l-Assistent Segretarju Ġenerali għal-laqgħat tal-fergħat;
c. iressaq għad-diskussjoni r-rapporti ta' l-*Issue Groups* quddiem l-istrutturi politiċi tal-Partit; u
d. darba fis-sena jippreżenta rapport dwar il-ħidma tal-Fora Distrettwali tal-Partit bl-għajnuna tar-Rappreżentanti Distrettwali

15. Il-President tal-Kunsill Amministrattiv għandu:
a. jippresiedi l-laqgħat tal-Kunsill Amministrattiv; u
b. jipparteċipa fil-Kumitat tat-Tmexxija mwaqqaf b'artiklu 49 ta' dan l-Istatut.

16. It-Teżorier ikun responsabbli biex jiżgura li l-Partit, inkluż il-fergħat tiegħu, ikollu finanzjament adegwat għall-ħtiġiet tagħhom u għal dan l-iskop għandu:
a. jippjana, imexxi u jikkoordina, u fejn meħtieġ jawtorizza ħidma diretta lejn il-ġbir ta' fondi għall-Partit; u

b. ikun responsabbli mill-Uffiċċju Tesseri u jiżgura li bl-għajnuna ta' l-Assistent Segretarju Ġenerali dan l-uffiċċju jaħdem b'mod effiċjenti biex it-tesserament fil-Partit dejjem jikber.

17. Is-Segretarju Internazzjonali jkun responsabbli għall-kuntatti u l-ħidma tal-Partit fil-qasam tal-politika internazzjonali.

18. Is-Segretarju tal-Grupp Parlamentari jkun responsabbli mill-koordinament bejn l-organizzazzjoni tal-Partit u l-Grupp Parlamentari.

19. L-Assistent Segretarju Ġenerali jkun responsabbli sabiex jikkoordina l-ħidma organizzattiva tal-Partit fil-livelli lokali permezz tal-Kumitati Sezzjonali. Dan billi:
   a. ikun il-kuntatt prinċipali tal-Kumitati Sezzjonali u Lokali; jikkoordina l-ħidma kollha li tkun trid issir minnhom; jara li dawn il-Kumitati jkunu qed jimxu mad-direttivi tal-Partit u jmexxi l-Assistenti tas-Segreterija;
   b. jaġixxi ta' Segretarju fil-laqgħat tal-Kunsill Ġenerali; Kumitat Eżekuttiv u Kunsill Amministrattiv u jkun responsabbli mid-dokumenti kollha kurrenti tal-Partit;
   c. jassisti lill-President tal-Kumitat Eżekuttiv fil-koordinament tal-ħidma tal-Fergħat u bi dritt jattendi fil-laqgħat tal-Fergħat; u
   d. iwettaq dawk id-dmirijiet li jkunu delegati lilu mis-Segretarju Ġenerali.

20. Il-President tal-Kulleġġ tal-Kunsilliera Lokali għandu jmexxi l-Kulleġġ, jirrappreżenta l-fehmiet tal-Kulleġġ fl-istrutturi tal-Partit u jiżgura li l-Kulleġġ jilħaq l-iskopijiet li għalihom hu mwaqqaf.

## IV IL-KUNSILL ĠENERALI TAL-PARTIT

21. Il-Kunsill Ġenerali hu l-ogħla organu tal-Partit bil-poter li jbiddel id-deċiżjoni ta' kull organu ieħor u huwa ffurmat:

a. mill-Kumitat Eżekuttiv;
b. mill-Grupp Parlamentari tal-Partit;
c. mill-membri tal-Parlament Ewropew tal-Partit;
d. minn numru ta' tesserati fil-Partit, li jistgħu ma jkunux membri fil-Kumitati Sezzjonali, eletti minn kull Kumitat Sezzjonali b'dan illi kull Kumitat Sezzjonali jkollu kunsillier għal kull 500 votant (jew parti minn 500) reġistrat fil-lokal fuq il-bażi ta' l-aħħar Reġistru Elettorali pubblikat qabel issir l-elezzjoni. Il-persentaġġ ta' nisa eletti minn kull Kumitat Sezzjonali għandu jkun jirrifletti l-persentaġġ ta' nisa fil-Kumitat Sezzjonali ta' l-istess lokalità. L-elezzjoni ssir fl-ewwel laqgħa tal-Kumitat wara l-laqgħa ġenerali annwali u l-persuni eletti għandhom ikunu ttesseraw fil-Partit sa Awissu ta' qabel;
e. mill-membri bil-vot tal-Kumitat Eżekuttiv tal-Kulleġġ Kunsillieri Partit Nazzjonalista;
f. mill-membri bil-vot tal-Kumitat Eżekuttiv tal-Moviment Żgħażagħ tal-Partit Nazzjonalista;
g. mill-membri bil-vot tal-Kumitat Eżekuttiv tal-Moviment Nisa tal-Partit Nazzjonalista;
h. mill-membri bil-vot tal-Kumitat Eżekuttiv ta' Solidarjetà Ħaddiema Partit Nazzjonalista;
i. mill-membri bil-vot tal-Kumitat Eżekuttiv ta' L-Assoċjazzjoni Pensjonanti Anzjani Nazzjonalisti;
j. mill-membri bil-vot tal-Kumitat Eżekuttiv tas-Segretarjat għall-Imprendituri Żgħar u Medji Partit Nazzjonalista;
k. minn kunsillier lokali wieħed għall kull lokalità f'Malta u Għawdex, liema kunsillier ikun ġie elett fl-interess tal-Partit Nazzjonalista fl-aħħar elezzjoni għall-Kunsill Lokali tal-lokalità u li jiġi magħżul minn fost il-kunsilliera hekk eletti għal din il-lokalità b'votazzjoni bejniethom;
l. mill-kandidati għall-elezzjoni ġenerali approvati mill-Kumitat Eżekuttiv; u
m. mill-kandidati tal-Partit għall-elezzjoni tal-Parlament Ewropew.

22. Il-Kunsill Ġenerali għandu jkun presedut minn President elett għal daqshekk, minn u minn fost il-Kunsilliera tal-Partit. Għaldaqstant:
a. l-elezzjoni għall-kariga ta' President tal-Kunsill Ġenerali ssir bis-sistema tar-rappreżentanza proporzjonali permezz tal-vot wieħed trasferibbli;
b. il-President tal-Kunsill Ġenerali jibqa' jokkupa l-kariga għal sentejn.

23. Il-Kunsill Ġenerali jinżamm:
a. darbtejn fis-sena, darba minnhom biex jiġi ppreżentat rapport tas-Segretarju Ġenerali dwar il-ħidma tal-Partit matul is-sena ta' qabel;
b. fi żmien tliet xhur wara kull elezzjoni ġenerali biex jiġi diskuss ir-riżultat ta' l-elezzjoni;
c. fuq deċiżjoni tal-Kap tal-Partit;
d. fuq deċiżjoni tal-Kumitat Eżekuttiv; jew
e. wara talba bil-miktub ta' mhux inqas minn mija u ħamsin (150) membru tal-Kunsill Ġenerali.

24. Ikunu definittivament kunsidrati bħala kunsilliera dawk kollha li jirriżultaw hekk mid-dokumenti tas-Segreterija tal-Partit meta jkun imsejjaħ il-Kunsill Ġenerali.

25. Il-Kunsill Ġenerali għandu:
    a. jeleġġi lill-Kap u lill-Viċi Kap, u fl-ewwel tliet xhur ta' kull leġislatura jikkonferma lill-Kap u jeleġġi lill-Viċi Kap;
    b. japprova l-programm elettorali;
    c. jiddiskuti u jressaq għall-approvazzjoni, ir-rapport tas-Segretarju Ġenerali dwar l-andament tal-Partit, liema rapport irid jirrelata dwar l-oqsma kollha tal-Partit u jikkomprendi fih rapport mis-Segretarju tal-Grupp Parlamentari;
    d. jiddeċiedi fuq kull proposta li tkun imressqa mill-Kumitat Eżekuttiv;
    e. jiddeċiedi fuq kull proposta li tkun imressqa wara talba ta' mhux inqas minn 150 membru tal-Kunsill Ġenerali; u
    f. jiddiskuti u japprova emendi u addendi għal dan l-Istatut.

26. L-aġenda tal-laqgħat tal-Kunsill Ġenerali tkun magħmula mill-Kumitat Eżekuttiv. Id-data tal-laqgħa u l-aġenda għandhom ikunu komunikati mis-Segreterija ta' l-inqas tmint ijiem qabel il-laqgħa.

27. Għal kull sessjoni tal-Kunsill Ġenerali għandhom ikunu mistiedna l-Kunsilliera Lokali tal-Partit u l-membri tal-Kumitati Sezzjonali tal-Partit kollha li ma humiex membri tal-Kunsill Ġenerali.

28. Meta l-Kunsill Ġenerali jiġi msejjaħ fuq direttiva tal-Kap tal-Partit l-aġenda tiġi magħmula minnu.

29. Kull deċiżjoni, minbarra dawk li huma stabbiliti fl-artiklu 21 u fl-artiklu 94 ta' dan l-Istatut, tkun meħuda b'maġġoranza sempliċi.

30. Il-kworum tal-Kunsill Ġenerali hu ta' ħamsin (50) membru iżda meta l-Kunsill Ġenerali jiltaqa' biex jagħżel lill-Kap u lill-Viċi Kap, il-kworum hu ta' mija u ħamsin (150) membru.

    F'każ li ma jkunx hemm kworum fil-ħin iffissat għal-laqgħa tal-Kunsill Ġenerali, il-laqgħa ssir xorta waħda siegħa wara, bin-numru preżenti.

## V IL-KUMITAT EŻEKUTTIV

31. Il-Kumitat Eżekuttiv huwa l-organu li jfassal il-politika tal-Partit u jagħti d-direttivi għat-tmexxija tiegħu.

32. Il-Kumitat Eżekuttiv ikun kompost;
   a. mill-Kap tal-Partit;
   b. mill-Viċi Kap tal-Partit;
   c. minn dawk il-persuni li f'xi żmien kienu jokkupaw il-kariga ta' Kap u/jew Viċi Kap tal-Partit;
   d. mill-President tal-Kunsill Ġenerali;
   e. mid-Deputati Nazzjonalisti kollha b'dan iżda, li jekk in-numru ta' dawn id-deputati (barra mill-Kap tal-Partit u l-Viċi Kap) ikun akbar min-numru ta' distretti elettorali, jiġu eletti mill-Grupp Parlamentari numru ta' deputati daqskemm ikun hemm distretti elettorali bid-dritt tal-vot fil-Kumitat Eżekuttiv;
   f. mill-Membri tal-Parlament Ewropew tal-Partit kollha, b'dan iżda membru wieħed ikollu d-dritt tal-vot b'elezzjoni li ssir minn fosthom;
   g. minn numru, ekwivalenti għad-distretti elettorali, ta' msieħba tal-Partit li ma jkunux deputati, eletti mill-Kunsill Ġenerali u li jkunu ilhom sentejn imsieħba fil-Partit, b'dan, iżda, li l-persentaġġ ta' nisa eletti għandu jkun jirrifletti l-persentaġġ ta' nisa fil-Kunsill Ġenerali;
   h. b'membru ta' Kumitat Sezzjonali, minn kull distrett elettorali li jiġi elett mill-membri kollha tal-Kumitati Sezzjonali kollha ta' dak id-distrett elettorali f'laqgħa li ssir apposta kull sentejn;
   i. mill-President tal-Kulleġġ Kunsillieri u żewġ rappreżentanti oħra tal-Kumitat Eżekuttiv tal-Kulleġġ, b'tali mod li ta' l-anqas waħda minnhom trid tkun mara sakemm fl-eżekuttiv tal-Kulleġġ ikun hemm ta' l-anqas tliet membri nisa;
   j. mill-President tal-Moviment Żgħażagħ tal-Partit Nazzjonalista u żewġ rappreżentanti oħra, b'tali mod li ta' l-anqas waħda minnhom trid tkun mara sakemm fl-eżekuttiv tal-fergħa jkun hemm ta' l-anqas tliet membri nisa;
   k. mill-President tal-Moviment Nisa tal-Partit Nazzjonalista u żewġ rappreżentanti oħra;
   l. mill-President tas-Solidarjetà Ħaddiema Partit Nazzjonalista u żewġ rappreżentanti oħra, b'tali mod li ta' l-anqas waħda minnhom trid tkun mara sakemm fl-eżekuttiv tal-fergħa jkun hemm ta' l-anqas tliet membri nisa;
   m. mill-President ta' l-Assoċċazzjoni Pensjonanti Anzjani Nazzjonalisti u żewġ rappreżentanti oħra b'tali mod li ta' l-anqas waħda minnhom trid tkun mara sakemm fl-eżekuttiv tal-fergħa jkun hemm ta' l-anqas tliet membri nisa; u
   n. mill-President tas-Segretarjat għall-Imprendituri Żgħar u Medji tal-Partit Nazzjonalista u żewġ rappreżentanti oħra b'tali mod li ta' l-anqas waħda minnhom trid tkun mara sakemm fl-eżekuttiv tal-fergħa jkun hemm ta' l-anqas tliet membri nisa.

33. Il-Kumitat Eżekuttiv għandu jkun presedut minn President elett għal sentejn, minn u minn fost il-membri tal-Kumitat Eżekuttiv tal-Partit.

34. Il-President tal-Kumitat Eżekuttiv iżomm il-vot oriġinali tiegħu. Meta l-vot dwar xi proposta jkun indaqs huwa jkollu u jeżerċita vot deċiżiv.

35. Il-membri tal-Kumitat Eżekuttiv magħżula skond il-paragrafi (d) sa (n) ta' l-artiklu 32 iżommu l-kariga tagħhom għal sentejn sakemm fl-istess ħin jibqgħu membri tal-korp li jkun eleġġihom.

36. Il-membri tal-Kumitat Eżekuttiv huma obbligati li jattendu għas-seduti kollha. Dawk il-membri li jassentu ruħhom għal tliet darbiet konsekuttivi mingħajr ġustifikazzjoni jiddekadu mill-Kumitat Eżekuttiv.

37. Meta għal xi raġuni jew oħra jispiċċa xi membru tal-Kumitat Eżekuttiv, il-post vakanti jkun mimli billi:
   a. f'każ li dan il-membru jkun wieħed minn dawk imsemmija f'artiklu 32(f), (h),(i),(j),(k),(l), (m), jew (n), issir elezzjoni ta' membru ieħor skond il-provvedimenti ta' dan l-Istatut; u
   b. f'każ li dan il-membru jkun wieħed minn dawk imsemmija f'artiklu 32(g) jiġi elett dak li jkun ġab l-iktar għadd ta' voti fl-elezzjoni tal-Kunsill Ġenerali wara dawk diġà eletti.

38. Biex is-seduti tal-Kumitat Eżekuttiv ikunu validi hija meħtieġa l-preżenza ta' nofs in-numru tal-membri tal-Kumitat Eżekuttiv jew jekk in-numru ta' dawn il-membri jkun bil-fard, nofs il-membri tal-Kumitat Eżekuttiv u wieħed. Jekk ma jkunx hemm dan il-kworum, is-seduta ssir bin-numru ta' membri preżenti siegħa wara l-ħin miftiehem. Kull deċiżjoni tittieħed b'maġġoranza sempliċi.

39. Il-Kumitat Eżekuttiv għandu jiltaqa' ta' l-anqas darba fix-xahar.

40. Il-Kumitat Eżekuttiv għandu:
   a. jiddeċiedi fuq il-kondotta ġenerali tal-Partit f'dak li hu programm elettorali u tattika skond il-limiti ffissati f'artiklu 31;
   b. isejjaħ il-Kunsill Ġenerali;
   c. jiddeċiedi fuq id-dħul u t-tkeċċija tal-membri;
   d. jifformula l-programm elettorali u l-linji ġenerali tal-politika tal-Partit;
   e. darba fis-sena japprova l-kandidati għall-elezzjoni ġenerali;
   f. qabel l-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali, japprova l-kandidati għall-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali li jibqgħu kunsidrati kandidati sat-tħabbir tar-riżultat;
   g. jiddeċiedi fuq kull materja oħra li mhix riservata minn dan l-Istatut għall-Kunsill Ġenerali;
   h. japprova kull emenda mressqa għall-Istatuti tal-Fergħat u organizzazzjonijiet tiegħu kif ukoll tal-Kumitat Sezzjonali, jew kumitati oħra; u
   i. darba fis-sena jiddiskuti rapport imħejji mill-President tal-Kumitat Eżekuttiv u r-Rappreżentati Distrettwali dwar il-ħidma politika tal-Fora Distrettwali.

## VI KUNSILL AMMINISTRATTIV

41. Għandu jkun hemm Kunsill Amministrattiv kompost mill-uffiċjali kollha tal-Partit imsemmija fl-artiklu 10 ta' dan l-Istatut u mill-Presidenti tal-Fergħat tal-Partit imsemmija fl-artiklu 9(b) ta' dan l-Istatut u fil-laqgħat ikun mistieden jattendi l-Manager ta' Għawdex.

    F'każ li l-Presidenti tal-Fergħat ma jkunux jistgħu jattendu l-laqgħat għal żmien twil, dawn ikunu jistgħu jiġu sostitwiti b'persuna oħra.

42. Il-President għandu jippresiedi l-laqgħat tal-Kunsill Amministrattiv.

43. Il-Kunsill Amministrattiv għandu jiltaqa' mhux anqas minn darba kull ħmistax. Il-kworum ta' dan il-Kunsill Amministrattiv huwa ta' sitt membri.

44. Il-Kunsill Amministrattiv ikun:
    a. responsabbli għall-amministrazzjoni ġenerali tal-Partit bil-poter li japprova l-impjiegi kollha mal-Partit; li jinnomina persuni fuq bordijiet ta' kumpaniji jew entitajiet oħra li fihom il-Partit għandu sehem jew interess u li jissorvelja u jagħti direttivi lid-diversi uffiċċji u Uffiċjali tal-Partit;
    b. afdat bl-organizzazzjoni ġenerali tal-Partit u responsabbli għall-formulazzjoni ta' pjani prattiċi ta' organizzazzjoni u attivitajiet politiċi;
    c. responsabbli li jiddeċiedi dwar il-validità ta' l-elezzjonijiet ta' Kumitati Sezzjonali u Lokali;
    d. responsabbli li jżomm taħt attenzjoni kontinwa persuni li jistgħu jkunu kandidati prospettivi mal-Partit u jissottometti isimhom lill-Kumitat Eżekuttiv;
    e. jeżamina każi ta' dixxiplina jew ksur tal-Kodiċi ta' Etika kif ukoll jaġixxi bħala Bord ta' l-Appell minn deċiżjonijiet ta' dixxiplina meħuda mill-Fergħat tal-Partit jew mill-Kulleġġ tal-Kunsilliera Lokali.
    f. responsabbli li darba fis-sena, wara parir tas-Segretarju Ġenerali, jaħtar jew japprova, il-Manager tad-Distrett ta' kull distrett elettorali u l-Kumitat Organizzattiv ta' Għawdex; u
    g. responsabbli li darba fis-sena, wara parir ta' l-Assistent Segretarju Ġenerali, jaħtar jew japprova l-Assistenti tas-Segreterija responsabbli minn kull Kumitat Sezzjonali.

45. F'każi ta' dixxiplina jew ksur tal-Kodiċi ta' Etika:
    a. il-Kunsill Amministrattiv ikun jista' jaġixxi kemm fuq inizjattiva tiegħu stess kif ukoll fuq rapporti li jistgħu jsirulu;
    b. f'kull azzjoni meħuda mill-Kunsill Amministrattiv, il-persuna li kontra tagħha tkun ittieħdet azzjoni, għandha tingħata opportunità xierqa biex tippreżenta d-difiża tagħha;
    c. il-Kunsill Amministrattiv ikollu l-jedd li jiddetermina proċedura li għandha tkun applikabbli f'kull każ u jkollu l-poter li jiddelega lil ħaddieħor il-poter tiegħu; u
    d. id-deċiżjoni tal-Kunsill Amministrattiv tkun finali għajr f'każ fejn tiġi rakkomandata tkeċċija jew sospensjoni jew it-tneħħija ta' persuna minn kandidat tal-Partit, f'liema każ id-deċiżjoni tkun trid tittieħed mill-Kumitat Eżekuttiv tal-Partit Nazzjonalista.

46. Il-Kunsill Amministrattiv ikun responsabbli għat-tmexxija ta' l-organizzazzjoni ċentrali tal-Partit, liema organizzazzjoni titmexxa mis-Segretarju Ġenerali tal-Partit bl-għajnuna ta' l-uffiċjali kollha l-oħra tal-Partit.

47. Id-direzzjoni amministrattiva tal-Partit Nazzjonalista u ta' l-entitajiet kummerċjali tiegħu hi fdata lill-Kunsill Amministrattiv tal-Partit.

48. Għaldaqstant il-Kunsill Amministrattiv għandu:
   a. ikollu rapporti u *accounts* regolari dwar l-oqsma kollha tal-Partit, inkluż investimenti tiegħu f'entitajiet ta' natura kummerċjali;
   b. japprova l-budget annwali tal-Partit u ta' entitajiet kummerċjali li fihom il-Partit għandu l-maġġoranza ta' l-ishma;
   c. jeżamina u japprova l-kontijiet tal-Partit fl-aħħar tas-sena finanzjarja;
   d. jiżgura li jitressqu quddiemu b'mod regolari rapporti dwar l-andament finanzjarju tal-Partit; u
   e. jagħti dawk id-direttivi kollha dwar il-finanzi u l-investimenti tal-Partit li jidhirlu xierqa u fl-aħjar interess tal-Partit.

49. Il-Kunsill Amministrattiv għandu wkoll jaħtar Kumitat ta' Tmexxija li jkun:
   a. kompost mis-Segretarju Ġenerali, mill-President tal-Kunsill Amministrattiv kif ukoll minn dawk il-persuni maħtura mill-Kunsill Amministrattiv wara li jsiru rakkomandazzjonijiet għal dan il-għan mis-Segretarju Ġenerali;
   b. maħtur għal perijodu ta' sena li tiskadi ma' l-għeluq tas-sena finanzjarja ta' l-entitajiet kummerċjali tal-Partit jew xi data oħra stabbilita mill-Kunsill Amministrattiv u li ma tkunx itwal minn sentejn mid-data tal-ħatra; u
   c. presedut mis-Segretarju Ġenerali;
   d. responsabbli li:
      i. jara li d-deċiżjonijiet komunikati lilu mill-Kunsill Amministrattiv jiġu mwettqa;
      ii. b'mod ġenerali jirregola d-direzzjoni u t-tmexxija kummerċjali u finanzjarja ta' l-entitajiet kummerċjali tal-Partit;
      iii. jippreżenta lill-Kunsill Amministrattiv rakkomandazzjonijiet dwar investiment kapitali sostanzjali li jkun propost li jsir mill-Partit jew mill-entitajiet kummerċjali tiegħu; u
      iv. jippreżenta rapport tal-ħidma tiegħu lill-Kunsill Amministrattiv ma' l-għeluq tas-sena finanzjarja u kull meta jiġi mitlub biex jagħmel hekk mill-Kunsill Amministrattiv.

50. Is-Segretarju Ġenerali hu responsabbli sabiex:
   a. il-Partit ikollu l-organizzazzjoni neċessarja biex l-amministrazzjoni tal-Partit u ta' l-entitajiet kummerċjali tiegħu ssir fuq bażi professjonali u tkun kapaċi tissorvelja b'regolarità l-operazzjonijiet finanzjarji tagħhom;
   b. jiġu preparati għall-użu tal-Kunsill Amministrattiv ir-rapporti finanzjarji kollha neċessarji kif ukoll il-budget u l-kontijiet ta' l-aħħar tas-sena fil-format mitlub mill-Kunsill Amministrattiv;
   c. jissorvelja, permezz tal-Kontrollur Finanzjarju, l-implimentazzjoni tal-budget approvat mill-Kunsill Amministrattiv u jagħti d-direttivi kollha neċessarji biex jiżgura li dan isir;
   d. jidderieġi l-ħidma tal-Kontrollur Finanzjarju tal-Partit biex jiżgura li jintlaħqu dawn l-iskopijiet; u

e. jieħu deċiżjoni dwar investimenti kapitali li ma humiex ta' entità sostanzjali u li għalhekk ma jkunx jeħtieġ li jiġu riferiti lill-Kumitat tat-Tmexxija.

51. Il-Kontrollur Finanzjarju jkun responsabbli biex:
  a. ifassal u jimplimenta fuq bażi ta' kuljum is-sistemi, proċeduri u kontrolli finanzjarji neċessarji kemm għall-Partit kif ukoll għall-entitajiet kummerċjali tiegħu;
  b. jipprepara *accounts* dipartimentali u globali skond kif mitlub mill-Partit u jlesti l-istess *accounts* għall-*audit* ta' kull sena;
  c. jissorvelja t-tmexxija ta' l-uffiċċji kollha li għandhom x'jaqsmu mat-tmexxija finanzjarja kemm tal-Partit kif ukoll ta' entitajiet kummerċjali; u
  d. jiżgura li l-*accounting system* tal-Partit u ta' l-entitajiet kummerċjali tiegħu tinżamm fuq bażi professjonali u kif mitlub mil-liġi.

52. Id-Direttur Informazzjoni jinħatar mill-Kunsill Amministrattiv fuq rakkomandazzjoni tas-Segretarju Ġenerali, li tkun ġiet approvata mill-Kumitat Eżekuttiv.

53. Id-Direttur Informazzjoni:
  a. ikun responsabbli li jara li l-messaġġ politiku tal-Partit Nazzjonalista jitwassal bl-aktar mod effettiv u jżomm kuntatt ma' rappreżentanti tal-media Maltija u barranija;
  b. ikun inkarigat mit-tmexxija ta' kuljum ta' l-Uffiċċju Informazzjoni tal-Partit u jirrapporta lis-Segretarju Ġenerali; u
  c. għandu dritt li jirċievi l-aġenda u jattendi għal-laqgħat tal-Kumitat Eżekuttiv u tal-Kunsill Amministrattiv u jkun membru bla vot.

## VII KUMITATI SEZZJONALI

54. Għandhom jiġu mwaqqfa Kumitati Sezzjonali fl-ibliet u rħula ta' kull distrett elettorali skond il-possibbiltà u l-esiġenzi kif deċiż mill-Kunsill Amministrattiv biex tiġi żviluppata aħjar il-politika u l-organizzazzjoni tal-Partit fuq livell lokali.

55. L-iskop ta' kull Kumitat Sezzjonali hu:
   a. li fil-lokalità tiegħu jmexxi 'l quddiem il-politika u l-programm politiku tal-Partit billi jżomm lill-votanti tal-lokal infurmati u joffrilhom l-opportunità sabiex jiddiskutu miegħu, mad-Deputati u ma' l-uffiċjali tal-Partit u l-kunsillieri lokali, il-politika u l-programm tal-Partit;
   b. li jkun responsabbli għall-organizzazzjoni tal-Partit fil-lokalità tiegħu; li jikkoordina l-ħidma lokali konnessa ma' l-elezzjoni ġenerali, ma' l-elezzjoni għall-Parlament Ewropew, ma' l-elezzjonijiet lokali u kull forma ta' konsultazzjoni elettorali oħra;
   c. jiġbor u jġedded sħubija fil-Partit; jamministra l-każin jew uffiċċju tal-lokal u jwettaq il-ħidma mitluba mill-organizzazzjoni ċentrali tal-Partit;
   d. li jżomm ruħu infurmat u jiddiskuti l-ħtiġiet tal-lokal tiegħu, jagħmel talbiet u suġġerimenti li jidhirlu xierqa quddiem il-Kunsill Lokali, isegwi mill-qrib il-ħidma tal-Kunsill Lokali, u mingħajr ma jindaħal fil-funzjonament tagħhom iżomm kuntatt mill-qrib mal-kunsilliera lokali eletti fl-interess tal-Partit;
   e. li jiddiskutu regolarment il-politika u l-programm politiku tal-Partit inkluż kwistjonijiet (issues) nazzjonali u lokali u jressaq quddiem l-istrutturi nazzjonali tal-Partit il-proposti tiegħu dwarhom; u
   f. li jgħin mingħajr distinzjoni lill-kandidati kollha approvati mill-Partit kemm għall-elezzjoni ġenerali, l-elezzjoni għall-Parlament Ewropew kif ukoll għal dik lokali u jkun ta' servizz għall-votanti tal-lokal partikularment billi juża l-każin/uffiċċju biex jipprovdi servizzi ta' tagħrif u ċentru ta' attività politika u informattiva.

56. It-tmexxija u koordinament tal-ħidma tal-Kumitati Sezzjonali u Lokali hi responsabbiltà ta' l-Assistent Segretarju Ġenerali li jaħdem permezz ta' l-Assistenti tas-Segreterija. L-Assistenti tas-Segreterija jiġu appuntati fuq rakkomandazzjoni tas-Segretarju Ġenerali u li jirrappurtaw lill-Assistent Segretarju Ġenerali u jkunu rappreżentanti tas-Segreterija tal-Partit fil-Kumitati Sezzjonali u Lokali, bl-iskop li jaraw li dawn jaħdmu b'mod effiċjenti u li jilħqu l-iskopijiet tagħhom. L-Assistenti tas-Segreterija għandhom ikunu infurmati b'kull laqgħa tal-Kumitati Sezzjonali u Lokali assenjati lilhom, sa mhux anqas minn tlett ijiem qabel il-laqgħa u jkollhom dritt jattendu u jitkellmu, għandhom iżommu lis-Segreterija tal-Partit aġġornata bil-ħidma li tkun qed issir fil-Kumitati Sezzjonali u Lokali u għandhom iwasslu lill-Kumitati Sezzjonali u Lokali d-direttivi tal-Partit.

57. In-numru ta' membri li għandhom jiffurmaw il-Kumitat Sezzjonali għandu jkun ta' mhux aktar minn ħmistax (15) li minnhom, 4 postijiet ikunu riservati għal nisa u 3 għal żgħażagħ (persuni taħt it-tletin (30) sena fid-data ta' l-elezzjoni).

58. Il-kunsilliera lokali eletti fl-interess tal-Partit Nazzjonalista, jekk mhux membri tal-Kumitat Sezzjonali jkunu osservaturi fil-Kumitat Sezzjonali tal-lokalità tagħhom bid-dritt li tintbagħtilhom l-aġenda ta' kull laqgħa sa mhux anqas minn tlett ijiem qabel il-laqgħa u li jattendu u jitkellmu fil-laqgħat tal-Kumitat Sezzjonali.

59. Il-Laqgħa Ġenerali tal-Kumitat Sezzjonali għandha ssir kull sena, imma l-Kumitat Sezzjonali jiġi elett kull sentejn fid-data indikata mill-Kunsill Amministrattiv minn u minn fost l-imsieħba tal-lokal u:
   a. għandhom dritt li jieħdu sehem fil-Laqgħa Ġenerali Annwali dawk li jkunu ssieħbu fil-Partit sa tliet xhur qabel il-Laqgħa Ġenerali Annwali u s-sħubija tkun imġedda għal dik is-sena, b'dan iżda li żgħażagħ ikunu jistgħu jieħdu sehem kemm-il darba jissieħbu fil-Partit sa ħmistax-il ġurnata qabel il-Laqgħa Ġenerali;
   b. għal-Laqgħa Ġenerali Annwali għandhom jiġu mistiedna d-deputati u l-kandidati tad-distrett, il-kunsillieri lokali eletti f'isem il-Partit u l-Membri tal-Parlament Ewropew tal-Partit;
   c. kull imsieħeb li jikkontesta għall-elezzjoni tal-Kumitati Sezzjonali jrid ikun ilu sena msieħeb fil-Partit, b'dan iżda li fil-każ ta' żgħażagħ, biżżejjed li jkun ilhom tesserati tliet xhur;
   d. f'każ ta' diffikultà dwar ir-residenza ta' xi msieħeb din tkun deċiża skond ma jirriżulta mill-aħħar reġistru elettorali;
   e. ebda deputat, Membru tal-Parlament Ewropew, kandidat għall-elezzjoni ġenerali jew kandidat għall-elezzjoni tal-Parlament Ewropew ma jista' jkun membru ta' Kumitat Sezzjonali; u
   f. il-Laqgħa Ġenerali Annwali għandha titmexxa skond regolamenti approvati mill-Kumitat Eżekuttiv.

60. Il-Kumitat Sezzjonali għandu jagħżel minn ħdanu President, Segretarju, Kaxxier u uffiċjali oħra skond kif jidhirlu xieraq. Ebda persuna li tkun tokkupa kariga ta' sindku m'għandha tokkupa l-kariga ta' President tal-Kumitat Sezzjonali ħlief bil-permess tal-Kunsill Amministrattiv. Ebda membru tal-Kunsill Amministrattiv ma jista' jkun uffiċjal ta' Kumitat Sezzjonali.

61. Il-Kumitat Sezzjonali għandu jitmexxa skond regolamenti approvati mill-Kumitat Eżekuttiv. Il-kworum tal-laqgħa tal-Kumitat Sezzjonali huwa ta' terz tal-membri basta dan ma jkunx inqas minn tlieta.

62. Is-Segretarju tal-Kumitat Sezzjonali għandu jibgħat lista tal-membri li jiffurmaw il-kumitat lill-Assistent Segretarju Ġenerali fi żmien ħmistax-il ġurnata mid-data ta' l-elezzjoni tagħhom. L-Assistent Segretarju Ġenerali u l-Assistenti tas-Segreterija għandhom jirċievu ċirkulari ta' kull laqgħa tal-Kumitat Sezzjonali sa mhux aktar tard minn tlett ijiem qabel il-laqgħa biex l-Assistent Segretarju Ġenerali jew delegat tiegħu jkun jista' jattendi bħala osservatur. Id-deputati eletti mid-distrett u l-kandidati approvati għad-distrett u r-Rappreżentant Distrettwali għandhom id-dritt li jkunu infurmati bl-aġenda ta' kull laqgħa u jkunu mistiedna jattendu.

63. L-Assistent Segretarju Ġenerali fuq parir ta' l-Assistenti tas-Segreterija għandu jara li, membri tal-Kumitat li jfallu tliet (3) laqgħat konsekuttivi mingħajr raġuni valida jiddekadu mill-Kumitat awtomatikament u ma jkunux jistgħu jikkontestaw għall-Kumitat Sezzjonali fl-elezzjoni li jkun imiss.

64. Membri tal-Kumitati Sezzjonali li ma jattendux mill-inqas 50% tal-laqgħat mingħajr raġuni valida, ma jkunux jistgħu jikkontestaw l-elezzjoni li jkun imiss għall-Kumitat Sezzjonali.

65. Kull deċiżjoni tal-Kumitat Sezzjonali għandha tittieħed b'maġġoranza sempliċi.

66. Il-Kumitat Sezzjonali għandu jiltaqa' għall-inqas darba fix-xahar.

67. F'każ li għal raġuni serja l-elezzjoni tal-Kumitat Sezzjonali ma ssirx meta suppost, il-kumitat ta' qabel jibqa' fil-kariga sakemm il-Kunsill Amministrattiv jiffissa terminu ta' żmien biex issir l-elezzjoni ta' kumitat ġdid.

68. F'każ li għal xi raġuni jew oħra l-Kumitat Sezzjonali jiġi sospiż u/jew jiġi xolt, il-proprjetà kollha tiegħu taqa' f'idejn il-Kunsill Amministrattiv li jieħu ħsiebha sakemm isir kumitat ieħor f'dak il-lokal. Il-Kumitat Sezzjonali huwa suġġett għad-dixxiplina tal-Kunsill Amministrattiv.

69. Il-Kunsill Amministrattiv għandu l-jedd li jwaqqaf Kumitati Lokali f'kull post fejn jidhirlu li x-xogħol tal-Kumitat Sezzjonali jista' jitwettaq aħjar u b'aktar effiċjenza.

70. Il-Kunsill Amministrattiv għandu joħroġ regolamenti dwar it-tmexxija tal-Kumitati Lokali.

71. Il-Każini, uffiċċji u kull proprjetà oħra li hija jew taqa' taħt ir-responsabbiltà jew jagħmel użu minnha b'xi mod il-Partit Nazzjonalista taqa' taħt id-dixxiplina ġenerali tal-Partit u waqt li t-tmexxija ta' kuljum tagħhom hi fdata f'idejn il-Kumitat Sezzjonali tal-lokal, dawn għandhom jobdu d-direttivi kollha tal-Partit.

## VIII FORA DISTRETTWALI

72. Il-Partit Nazzjonalista għandu jkollu Forum Distrettwali f'kull distrett elettorali li jkun kompost minn;
   a. ir-Rappreżentant Distrettwali;
   b. il-President u rappreżentant ieħor tal-Kumitati Sezzjonali kollha tad-Distrett; b'dan li meta għal xi raġuni serja ma jkunx jista' jattendi l-President, ikun jista' jibgħat membru ieħor tal-Kumitat Sezzjonali li jservi bħala rappreżentant tiegħu;
   c. id-Deputati tal-Partit eletti mid-distrett;
   d. rappreżentant tal-Kunsilliera Lokali tal-Partit minn kull lokalità tad-distrett;
   e. il-Kandidati approvati mill-Kumitat Eżekuttiv għall-istess distrett;
   f. l-Assistenti tas-Segreterija responsabbli mill-Kumitati Sezzjonali tad-Distrett;
   g. il-Manager tad-Distrett maħtur mill-Kunsill Amministrattiv; u
   h. il-membri tal-Parlament Ewropew.

73. Il-Forum Distrettwali għandu;
   a. ikun infurmat bil-pjani u l-ħidma ta' kull Kumitat Sezzjonali, ta' l-Amministrazzjoni Ċentrali u jagħmel suġġerimenti kif dawn jistgħu jolqtu kull lokalità fid-distrett, kif jistgħu jitwettqu f'kuntest lokali u kif jistgħu attivitajiet organizzati mill-Kumitati fuq livell individwali jkunu integrati f'sinerġija fuq livell distrettwali; u
   b. ikun infumat mill-Manager tad-Distrett bil-ħidma kollha strateġika b'rabta mad-diversi elezzjonijiet li jkun hemm minn żmien għal żmien kemm fuq livell nazzjonali, lokali u Ewropew.

74. Il-laqgħa għandha tkun imsejħa u mmexxija mir-Rappreżentant Distrettwali u jkollha aġenda li tintbagħat mhux aktar tard minn ħamest ijiem qabel il-laqgħa lil dawk kollha li huma mistiedna jattendu għal-laqgħa kif ukoll kopja tagħha għandha tintbagħat lill-President tal-Kumitat Eżekuttiv u l-Assistent Segretarju Ġenerali.

75. Fl-ewwel laqgħa tal-Forum għandu jinħatar Segretarju li jkun responsabbli mill-minuti u l-korrispondenza kollha ta' l-istess Forum Distrettwali. Kopja tal-minuti ta' kull laqgħa għandha tintbagħat lill-President tal-Kumitat Eżekuttiv.

76. Il-Forum Distrettwali jrid jiltaqa';
   a. qabel kull Kunsill Ġenerali biex jiddiskuti d-dokumenti tal-Kunsill Ġenerali u jagħmel rapport li jkun preżentat lill-President tal-Kunsill Ġenerali sa mhux aktar tard mill-aħħar sessjoni tal-Kunsill Ġenerali; u
   b. mhux anqas minn darbtejn oħra fis-sena biex jiddiskuti l-qagħda politika u s-sitwazzjoni fejn jidħol l-elettorat b'rabta mal-Partit u jippreżenta rapport lill-President tal-Kumitat Eżekuttiv.

77. Il-Forum Distrettwali għandu jiltaqa' fuq żewġ livelli;
   a. bil-format imsemmi f'artiklu 72 meta jkun se jiddiskuti l-politika ġenerali tal-Partit, jeżamina kif din qed tintlaqa' fil-lokalitajiet tad-distrett u jagħmel suġġerimenti għat-titjib tagħha; u
   b. ikunu mistiedna jattendu wkoll il-membri kollha tal-Kumitati Sezzjonali tad-Distrett, il-Kunsilliera Lokali tad-distrett u l-Kunsilliera tal-Kunsill Ġenerali kollha tad-Distrett meta jiltaqa' qabel kull Kunsill Ġenerali.

## IX ORGANIZZAZZJONI F'GĦAWDEX

78. Minħabba l-pożizzjoni unika tal-gżira ta' Għawdex, il-Partit jagħraf li Għawdex m'għandux fl-organizzazzjoni tal-Partit jitqies sempliċiment bħala distrett elettorali ieħor iżda għandu jiġi meqjus bħala reġjun. Għaldaqstant il-Kunsill Amministrattiv għandu jaħtar Kumitat Organizzattiv biex jorganizza u jikkoordina l-ħidma organizzattiva tal-Partit f'Għawdex.

79. Il-Kumitat Organizzattiv ikun presedut mill-Manager ta' Għawdex.

80. Il-Kumitat Organizzattiv għandu:
    a. jippjana l-ħidma organizzattiva tal-Partit għal matul is-sena f'Għawdex u għal dan l-iskop għandu joħroġ b'inizjattivi għal attivitajiet fuq skala distrettwali u jmexxi u jorganizza dawn l-attivitajiet;
    b. jaħdem mal-Kumitati Sezzjonali u lokali Għawdxin biex jiżgura li dawn jilħqu l-miri tagħhom, jikkoordina l-ħidma tagħhom, jiżgura li x-xogħol mistenni minnhom jitwettaq u jgħinhom fl-organizzazzjoni ta' attivitajiet lokali;
    c. jissorvelja l-mod kif jintużaw il-każini tal-Partit f'Għawdex u jiżgura li jsir l-aħjar użu possibbli minnhom;
    d. jippjana u jmexxi, fuq il-linji indikati mill-organizzazzjoni ċentrali tal-Partit, il-kampanji elettorali u l-ħidma organizzattiva f'Għawdex konnessa ma' elezzjonijiet; u
    e. bl-awtorizzazzjoni tat-Teżorier jiġbor fondi minn Għawdex stess biex jiffinanzja l-ħidma tal-Partit f'Għawdex u jissottometti *budgets* u *accounts* b'mod regolari kif mitlub.

81. Il-Kumitat Organizzattiv għandu jiltaqa' mill-inqas darba kull ħmistax u kopja tal-minuti ta' kull laqgħa għandha tintbagħat lis-Segretarju Ġenerali.

82. Minbarra l-President, is-Segretarju u t-Teżorier, il-Kumitat Organizzattiv ikun kompost mir-Rappreżentant Distrettwali ta' Għawdex fil-Kumitat Eżekuttiv, Rappreżentant tal-Kunsilliera Lokali eletti f'isem il-Partit Nazzjonalista f'Għawdex, Koordinatur tal-Fergħat u 3 membri oħra li jkunu maħtura kollha mill-Kunsill Amministrattiv.

## X KULLEĠĠ TA' KUNSILLIERA LOKALI

83. Il-Partit Nazzjonalista jemmen li d-deċentralizzazzjoni u s-sussidjarjetà huma prinċipji ewlenija fl-amministrazzjoni ta' stat demokratiku u konsegwentement għandu jipparteċipa b'mod attiv fil-formazzjoni ta' Kunsilli Lokali billi jressaq għall-elezzjoni tagħhom kandidati idonei.

84. Għandu jkun hemm Kulleġġ ta' Kunsilliera Lokali li jkun iffurmat mill-kunsilliera lokali kollha eletti fl-interess tal-Partit Nazzjonalista f'elezzjonijiet għall-Kunsilli Lokali. Il-Kulleġġ ta' Kunsilliera Lokali għandu jkollu statut mogħti lilu mill-Kumitat Eżekuttiv tal-Partit Nazzjonalista. Dan il-Kulleġġ tal-Kunsillieri għandu:
   a. jipprovdi forum għall-qsim ta' esperjenzi bejn il-kunsilliera ta' lokalitajiet differenti sabiex il-ħidma tagħhom tkun dejjem aktar effettiva għall-ġid ta' komunità li lilha jservu;
   b. jipprovdi taħriġ u tagħlim għall-kunsilliera lokali, għal kandidati prospettivi u għal kulmin hu interessat fil-ħidma tal-Kunsilli Lokali;
   c. iżomm lill-Partit aġġornat ma' l-esperjenzi tal-Kunsilli Lokali sabiex il-Partit ikun jista' jaġġorna l-politika tiegħu f'dan il-qasam;
   d. jirrappreżenta fi ħdan il-Partit il-fehmiet tal-Kunsilliera Lokali biex b'hekk il-ħidma tal-Partit tkun tirrifletti wkoll l-interessi tagħhom;
   e. iżomm kuntatt ma' organizzazzjonijiet simili barra minn Malta;
   f. iżomm kuntatt regolari mal-Kumitat Sezzjonali ta' l-istess lokalità, fost l-oħrajn il-kunsilliera lokali jattendu l-laqgħat tal-Kumitat Sezzjonali bħala osservaturi, bl-iskop li jkun hemm skambju kontinwu ta' esperjenzi u suġġerimenti;
   g. jippromwovi l-ideat u l-ideali tal-Partit Nazzjonalista fil-ħidma tal-kunsilliera lokali mingħajr ma dan itellef l-awtonomija individwali tagħhom fejn jidħlu deċiżjonijiet dwar materji lokali;
   h. ikun hemm organizzazzjoni fi ħdan il-Partit li tgħin il-ħidma tal-kunsilliera lokali, torganizzahom u tirrappreżentahom fl-istrutturi organizzattivi tal-Partit; u
   i. ilaqqa' l-Kunsilliera Lokali kollha eletti f'isem il-Partit Nazzjonalista ta' l-anqas 3 darbiet fis-sena u wara kull laqgħa jkun preżentat rapport lill-Kumitat Eżekuttiv.

## XI FERGĦAT

85. Il-Partit Nazzjonalista għandu fi ħdanu numru ta' fergħat li l-għanijiet ewlenin tagħhom huma li jagħtu għajnuna sħiħa lill-Partit Nazzjonalista fit-tfassil tal-politika nazzjonali tiegħu; li jagħtu direzzjoni politika lill-membri tagħhom skond it-twemmin tal-PN waqt li joħolqu kuntatt u sinerġija bejn il-membri tagħhom kif ukoll bejn l-istess Fergħat.

86. Għandhom jagħmlu riċerka u jhejju proposti lill-Kumitat Eżekuttiv tal-Partit biex ikunu ta' xprun fil-ħidma ta' ppjanifikar politiku li tolqot lis-settur li huma jirrappreżentaw.

87. Għandhom jistabbilixxu u jżommu kuntatt ħaj ma' għaqdiet lokali simili, kif ukoll ma' organizzazzjonijiet barranin, jipparteċipaw b'mod attiv u effettiv f'fora nazzjonali u internazzjonali, dejjem u fejn hu meħtieġ bil-koordinazzjoni ma' l-Uffiċċju Internazzjonali tal-Partit.

88. Għandhom, permezz ta' laqgħat u inizjattivi oħra, joħolqu linja ta' kuntatt dirett bejn l-imsieħba tagħhom u l-Uffiċjali, id-Deputati tal-Partit kif ukoll mal-Kumitati Sezzjonali biex kontinwament ikun hemm l-opportunità għal djalogu u għajnuna reċiproka.

89. Filwaqt li huma parti integrali mill-Partit Nazzjonalista, suġġetti għad-dixxiplina u d-direttivi tal-Kumitat Eżekuttiv tal-Partit, bi statut approvat mill-istess Eżekuttiv tal-Partit, il-Fergħat huma awtonomi fit-tmexxija ta' l-affarijiet interni tagħhom.

90. Darba fis-sena għandhom jippreżentaw rapport dettaljat dwar il-ħidma tagħhom lill-Kumitat Eżekuttiv tal-Partit.

91. Darba fis-sena għandhom jippreżentaw pjan ta' ħidma dettaljat dwar l-ħidma tas-sena ta' wara lill-Kunsill Amministrattiv.

## XII ELEZZJONI TAL-KAP U TAL-VIĊI KAP TAL-PARTIT

92. Il-Kap u l-Viċi Kap tal-Partit għandhom jiġu eletti mill-Kunsill Ġenerali tal-Partit f'seduta mlaqqgħa apposta għal dan l-iskop.

93. Il-Kumitat Eżekuttiv għandu jirċievi nominazzjonijiet għall-elezzjoni tal-kariga fi żmien xahrejn minn meta tinħoloq il-vakanza wara sejħa apposta.

In-nominazzjonijiet iridu jiġu proposti minn għaxar (10) tesserati regolari li almenu tlieta (3) minnhom iridu jkunu membri tal-Kumitat Eżekuttiv u/jew tal-Grupp Parlamentari. Kull nominazzjoni għandha tkun akkumpanjata minn dikjarazzjoni ffirmata tal-kandidat li jaċċetta n-nomina. In-nominazzjonijiet għandhom jaslu għand is-Segretarju Ġenerali tal-Partit mhux aktar tard minn għaxart ijiem qabel is-seduta msejħa għal dan l-iskop.

94. Biex jiġi dikjarat elett, il-kandidat għandu jġib żewġ terzi tal-voti mitfugħa. Jekk wara l-ewwel elezzjoni ħadd ma jġib il-maġġoranza rikjesta, jiġi eliminat il-kandidat li jkun ġab l-inqas numru ta' voti u terġa' ssir elezzjoni bejn il-kandidati li jibqgħu. Din il-proċedura tibqa' tiġi segwita sakemm kandidat iġib il-maġġoranza msemmija. Id-data/i u ħin li fihom isiru l-elezzjonijiet suċċessivi jkunu ffissati mill-Kumitat Eżekuttiv fl-istess laqgħa li fiha jkun deċiż meta ser tinżamm l-ewwel elezzjoni.

Jekk ebda wieħed mill-aħħar żewġ kandidati ma jkun ġab il-maġġoranza msemmija, jerġa' ikun hemm sejħa mill-ġdid għan-nominazzjonijet skond l-artiklu 93 ta' l-istatut. F'din il-fażi wkoll, biex jiġi dikjarat elett Kap jew Viċi Kap tal-Partit, il-kandidat għandu jġib żewġ terzi tal-voti mitfugħa. Jekk wara l-ewwel elezzjoni ħadd ma jġib il-maġġoranza rikjesta, jiġi eliminat il-kandidat li jkun ġab l-inqas numru ta' voti u terġa' ssir elezzjoni bejn il-kandidati li jibqgħu. Din il-proċedura tibqa' tiġi segwita sakemm kandidat iġib il-maġġoranza msemmija. Iżda, jekk ebda wieħed mill-aħħar żewġ kandidati ma jkun ġab il-maġġoranza rikjesta, jiġi elett dak il-kandidat li jġib il-maġġoranza assoluta tal-voti mitfugħa. Id-data/i u ħin li fihom isiru l-elezzjonijiet suċċessivi jkunu ffissati mill-Kumitat Eżekuttiv fl-istess laqgħa li fiha jkun deċiż meta ser tinżamm l-ewwel elezzjoni.

Fi kwalunkwe każ, l-elezzjoni bejn il-kandidati fit-tieni sejħa għan-nominazzjonijiet issir fi żmien xahar mill-ewwel elezzjoni.

## XIII IL-GRUPP PARLAMENTARI

95. Il-Grupp Parlamentari Nazzjonalista huwa kompost mill-Membri Parlamentari tal-Partit u mill-Membri tal-Parlament Ewropew tal-Partit. Is-Segretarju Ġenerali tal-Partit, meta ma jkunx Membru Parlamentari, għandu d-dritt u d-dmir li jattendi l-laqgħat tal-Grupp Parlamentari u li jieħu sehem fid-diskussjoni iżda mhux li jivvota.

96.
a. il-Grupp jeleġġi minn fost il-membri Segretarju;
b. il-*Whip* u ż-żewġ *Assistant Whips* jingħażlu mill-Kap tal-Partit, minn fost il-Grupp Parlamentari. Il-Kap tal-Partit jista' jħalli l-għażla ta' wieħed jew aktar minn dawn f'idejn il-Grupp Parlamentari stess; u
c. il-Kap tal-Partit għandu jagħżel minn fost il-Membri tal-Parlament Ewropew tal-Partit, membru li jservi ta' Kap tad-Delegazzjoni. Il-Kap tal-Partit jista' jħalli din l-għażla f'idejn il-Membri tal-Parlament Ewropew tal-Partit.

97. Il-Grupp Parlamentari għandu jiltaqa' mill-anqas darba fix-xahar iżda għandu jissejjaħ meta hekk jitlob il-Kap tal-Partit jew ikun hemm talba biex jiltaqa' magħmula minn mill-anqas terz tal-membri tal-Grupp Parlamentari.

98. Meta l-Partit Nazzjonalista jkun fl-Oppożizzjoni, għandu jkun hemm *Shadow Cabinet* li jkun magħżul mill-Kap tal-Partit. Il-Kap tal-Partit jista' jħalli l-għażla tax-*Shadow Cabinet* f'idejn il-Grupp Parlamentari.

99. Il-karigi msemmija f'artiklu 96 u 98 ħlief dik ta' Segretarju tal-Grupp Parlamentari għandhom idumu jseħħu għal perijodu ta' sena minn mindu jiġu eletti. Kull kariga tista' tiġi mġedda minn sena għal sena.

100. Ix-xogħol tal-Grupp Parlamentari hu:
a. li jiddeċiedi t-tqassim tax-xogħol bejn il-Membri tal-Parlament;
b. ifassal it-tattika parlamentari tal-Grupp Parlamentari fil-kuntest tal-linji politiċi tal-Partit; u
c. jiddiskuti l-ħidma tal-Membri tal-Parlament Ewropew tal-Partit fil-kuntest tal-linji politiċi tal-Partit.

## XIV MEMBRI TAL-PARLAMENT EWROPEW TAL-PARTIT

101. Il-Membri tal-Parlament Ewropew tal-Partit huma obbligati li josservaw il-Kodiċi ta' Etika tal-Partit Nazzjonalista u kull direttiva approvata mill-Kumitat Eżekuttiv.

102. Il-Membru tal-Parlament Ewropew tal-Partit li jkollu dritt għall-vot kif provdut f'artiklu 32(f) ikollu wkoll ir-responsabbiltà li jaġixxi ta' Segretarju tal-Membri tal-Parlament Ewropew tal-Partit.

103. Il-Kap tal-Partit għandu l-prerogattiva li jlaqqa' lill-Membri tal-Parlament Ewropew tal-Partit meta jkun meħtieġ biex jiddiskuti l-ħidma tagħhom u xogħol parlamentari Ewropew, b'dankollu l-Membri tal-Parlament Ewropew tal-Partit għandhom l-obbligu li jżommu l-Kap tal-Partit aġġornat bil-ħidma tagħhom.

104. Il-Membri tal-Parlament Ewropew tal-Partit għandhom l-obbligu li meta jiġu mitluba, iżommu lill-Kumitat Eżekuttiv u lill-Grupp Parlamentari Nazzjonalista infurmati bid-diskussjonijiet u l-ħidma tal-Parlament Ewropew.

105. Il-Kumitat Eżekuttiv għandu jiddeċiedi ma' liema grupp politiku l-Membri tal-Parlament Ewropew tal-Partit għandhom jiffurmaw parti. Huma jkunu obbligati li jkunu membri ta' dan il-grupp.